MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1881/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – S.I.A.T**

**vs**

**Paul u Carmen konjugi Micallef bhala l-legittimi rapprezentanti tal-minuri Waylon Micallef u Clevion Micallef**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf wiehed u sebghin liri Maltin disgha u tmenin centezmu (Lm1071.89) liema somma tirraprezenta spejjez illi is-socjeta attrici bhala assikuratrici tal-vettura KAL 328 kellha thallas lil terzi in segwitu ghall-incident tat-traffiku li tat-12 ta' Settembru 2004 f'Main

Street, kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza, Mosta, Malta , bejn KAL 328 u l-vettura ABH 584. Dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-minuri Waylon Micallef li kien qieghed isuq KAL 328 propjeta ta' Clevion Micallef assikurata mas-socjeta attrici u dana bi ksur manifest tal-kondizzjonijiet tal-polza ta'l- assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta attrici, bl-imghaxx u bl-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fl-1 ta' Dicembru 2005 u fis-26 ta' Jannar 2006 rispettivament, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf wiehed u sebghin liri Maltin disgha u tmenin centezmu (Lm1071.89) b' l-imghaxx u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------